IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.4.2019
COM(2019) 177 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW U LILL-KUNSILL

Teħid tad-deċiżjonijiet aktar effiċjenti u aktar demokratiku fil-politika tal-UE dwar l-enerġija u l-klima

MT MT

1. Introduzzjoni

L-Unjoni tal-Enerġija hi waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni Ewropea. L-għan fundamentali tagħha hu li lill-familji u lin-negozji Ewropej tagħtihom enerġija sigura, sostenibbli, kompetittiva u affordabbli. Din hi bbażata fuq sistema tal-enerġija integrata mal-Unjoni kollha li tikkontribwixxi għal viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima[1].

F'dawn l-aħħar snin, sar progress importanti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, b'mod partikolari bl-adozzjoni tal-pakkett dwar is-Sigurtà tal-Enerġija[2], il-pakkett tal-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha[3], li hu l-akbar pakkett leġiżlattiv tal-UE dwar l-enerġija li qatt ġie miftiehem, il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-klima[4], u t-tliet Pakketti tal-Mobbiltà tal-2017-2018[5]. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-pakkett tal-Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha, ir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija[6] se jiffaċilita t-twettiq tad-dimensjonijiet kollha tal-Unjoni tal-Enerġija, abbażi ta' koperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha. Ir-raba' rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija jagħti ħarsa ġenerali lejn il-progress li sar biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija[7].

Bħala parti minn aġenda progressiva dwar il-politika tal-enerġija u l-klima, hemm oqsma li se jkunu jeħtieġu aktar titjib biex jintlaħqu l-objettivi kollha tal-politika. Aspett importanti ta' din l-aġenda progressiva dwar il-politiki tal-enerġija tal-ġejjieni hu li jiġi mistħarreġ kif l-Unjoni tieħu deċiżjonijiet f'dan il-qasam. Fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2017, il-President Juncker għamilha ċara li fejn jidħlu l-kwistjonijiet importanti tas-suq uniku, id-deċiżjonijiet fil-Kunsill jenħtieġ jittieħdu aktar sikwit permezz ta' maġġoranza kwalifikata – bl-involviment ugwali tal-Parlament Ewropew. Din il-kwistjoni tal-aħħar hi partikolarment rilevanti fil-qasam nukleari fejn id-deċiżjonijiet skont it-Trattat Euratom ma jinvolvux lill-Parlament Ewropew bl-istess termini previsti fil-proċedura leġiżlattiva ordinarja tat-Trattat ta' Lisbona.

---

[1] COM(2018) 773 final tat-28 ta' Novembru 2018 – Pjaneta Nadifa għal Kulħadd.

[2] Ir-Regolament (UE) 2017/1938 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass; Id-Deċiżjoni (UE) 2017/684 li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi u strumenti mhux vinkolanti bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija; COM(2016) 49 final tas-16 ta' Frar 2016 – Strateġija tal-UE għall-gass naturali likwifikat u l-ħażna tal-gass; COM(2016) 51 final tas-16 ta' Frar 2016 – Strateġija tal-UE dwar it-Tisħin u t-Tkessiħ.

[3] COM(2016) 860 final tat-30 ta' Novembru 2016 – Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha.

[4] Id-Direttiva (UE) 2018/410 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814; Ir-Regolament (UE) 2018/842 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi; Ir-Regolament (UE) 2018/841 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030.

[5] COM (2017)283 final tal-31 ta' Mejju 2017 – Aġenda għal tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn mobbiltà kompetittiva, konnessa u mingħajr ħsara għall-ambjent għal kulħadd; COM (2017)675 final tat-8 ta' Novembru 2017 – It-twettiq ta' mobbiltà b'emissjonijiet baxxi; COM (2018)293 final tal-17 ta' Mejju 2018 – Il-mobbiltà sostenibbli għall-Ewropa: sikura, konnessa u nadifa.

[6] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika.

[7] COM(2019) 175 tat-3 ta' April 2019 – ir-Raba' Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija.

Maż-żmien, l-UE mxiet minn unanimità għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata, estiża mill-Att Uniku Ewropew[8] għall-biċċa l-kbira tal-oqsma tal-politika. F'oqsma oħrajn, bħat-tassazzjoni, it-tranżizzjoni fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ma seħħitx. Ir-raġuni għalfejn l-unanimità tinbidel b'maġġoranza kwalifikata hi sempliċi u plawżibbli. L-Istati Membri għarfu li meta jkun meħtieġ ċertu livell ta' ambizzjoni f'ċertu qasam ta' politika partikolari, jintlaħaq punt meta r-regola tal-unanimità tnaqqas ir-ritmu tal-progress u xxekkel lill-UE milli taġġusta għar-realtajiet li qed jinbidlu u milli tipprovdi lill-Ewropej bl-aktar mezzi xierqa biex jiddefendu l-interessi tagħhom. F'dan is-sens, kull pass lejn il-maġġoranza kwalifikata kien pass kbir 'il quddiem għall-UE. Il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata hi bbażata fuq kultura ta' kompromess. Din toħloq spazju akbar għal diskussjoni u kisbiet pragmatiċi li jirriflettu l-interessi ta' kulħadd. B'dan l-approċċ flessibbli, effiċjenti u rapidu għat-teħid ta' deċiżjonijiet, l-Unjoni setgħet issir referenza globali u mudell għall-istandards f'oqsma tal-politika bħall-protezzjoni ambjentali u tal-konsumaturi, l-impjiegi u l-istandards soċjali, il-protezzjoni tad-*data* kif ukoll il-kummerċ ħieles u ġust[9].

Mhux bilfors tkun trid issir bidla fit-Trattat biex isseħħ it-tranżizzjoni minn unanimità għal maġġoranza kwalifikata – din tista' ssir bl-hekk imsejħa klawżoli "passerelle" fit-Trattati attwali bl-approvazzjoni tal-Kunsill jew tal-Kunsill Ewropew.

Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi r-raġunament għal teħid tad-deċiżjonijiet aktar effiċjenti u demokratiku f'xi oqsma tal-politika dwar l-enerġija, inkluż fil-qasam nukleari. Din tistħarreġ l-alternattivi għal

- tisħiħ tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata u tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif diġà ġie indikat fil-Komunikazzjoni "Lejn teħid ta' deċiżjonijiet aktar effiċjenti u aktar demokratiku fil-qasam tal-politika tat-taxxa tal-UE".
- responsabbiltà demokratika aktar b'saħħitha skont it-Trattat Euratom.

2. Alternattivi għal titjib tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

Meta tiġi eżaminata l-istruttura istituzzjonali eżistenti għall-Unjoni tal-Enerġija, waħda mill-kwistjonijiet ewlenin hi jekk il-proċeduri attwali tal-UE għat-teħid tad-deċiżjonijiet humiex adattati bis-sħiħ għall-iskop tagħhom li jilħqu l-għanijiet tal-enerġija u l-klima tal-UE.

2.1 Il-proċessi attwali għat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-politika tal-enerġija u l-klima

[8] L-Att Uniku Ewropew, ĠU L 169, 29.6.1987, p. 1-28.

[9] Din hi t-tielet Komunikazzjoni dwar il-kwistjoni tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata. Il-Komunikazzjonijiet preċedenti huma: COM(2019) 8 final tal-15 ta' Jannar 2019 – Lejn teħid ta' deċiżjonijiet aktar effiċjenti u aktar demokratiku fil-qasam tal-politika tat-taxxa tal-UE; u COM(2018)647 final tat-12 ta' Settembru 2018 – Attur dinji aktar b'saħħtu: għal teħid ta' deċiżjonijiet aktar effiċjenti fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE.

It-Trattat ta' Lisbona jistabbilixxi li r-regola standard għat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-Unjoni hi l-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li permezz tagħha l-atti leġiżlattivi li tipproponi l-Kummissjoni jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, b'dan tal-aħħar jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata. Dan il-prinċipju japplika għat-titolu għall-enerġija fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE).

It-Trattat[10] jipprevedi b'mod espliċitu l-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għall-miżuri ta' politika dwar l-enerġija li għandhom l-għan li:

- ikun żgurat il-funzjonament tas-suq tal-enerġija;
- tkun żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni;
- jitħeġġu l-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar fl-użu tal-enerġija kif ukoll l-iżvilupp ta' forom ta' enerġija ġodda u rinnovabbli;
- titħeġġeġ l-interkonnessjoni ta' netwerks tal-enerġija.

F'dan il-kuntest, it-Trattat jirrikonoxxi wkoll b'mod espliċitu d-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-isfruttament tar-riżorsi tal-enerġija tagħhom, l-għażla tagħhom bejn sorsi differenti tal-enerġija, u l-istruttura ġenerali tal-provvista tal-enerġija tagħhom[11].

Barra minn hekk, it-Trattat jeżiġi li fil-qasam tal-enerġija, meta jiġi biex jadotta dispożizzjonijiet li primarjament għandhom natura fiskali, il-Kunsill għandu jaġixxi b'unanimità, u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew[12].

Bl-istess mod, it-Trattat jeżiġi li l-Kunsill għandu jaġixxi bl-unanimità fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali, meta jiġi biex jadotta (i) dispożizzjonijiet li primarjament għandhom natura fiskali; (ii) miżuri li jaffettwaw l-ippjanar urban u tal-pajjiż, il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma jew tal-użu tal-art, u (iii) miżuri li jaffettwaw b'mod sinifikanti l-għażla ta' xi Stat Membru bejn is-sorsi differenti tal-enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista tal-enerġija tiegħu[13].

2.2 Il-ħtieġa għal proċeduri aktar effiċjenti għat-teħid tad-deċiżjonijiet fejn jidħlu l-miżuri tat-tassazzjoni

L-Unjoni hi impenjata li tilħaq l-għanijiet tagħha dwar l-enerġija u l-klima għall-2030 u li tkompli t-trasformazzjoni u l-modernizzazzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima fil-ġejjieni. Wieħed mir-rekwiżiti fundamentali hu li l-politiki regolatorji, finanzjarji u tat-tassazzjoni fl-oqsma tal-enerġija u l-klima jkunu koerenti għalkollox u jsaħħu lil xulxin.

[10] L-Artikolu 194(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
[11] L-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
[12] L-Artikolu 194(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
[13] L-Artikolu 192(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-politika dwar it-tassazzjoni hi strument importanti biex ikun żgurat li jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija, u b'mod partikolari biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, filwaqt li jiġu osservati l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

Il-progress biex jitlesta s-suq uniku tal-enerġija hu kontinwu u t-tassazzjoni tal-enerġija taqdi rwol importanti. It-taxxi u l-imposti jirrappreżentaw sehem sinifikanti tal-prezzijiet tal-enerġija u s-sehem tagħhom kien qed jikber fi prodotti ewlenin bħall-elettriku f'xi pajjiżi[14]. Dan iżid l-importanza tal-qafas tat-tassazzjoni għall-funzjonament tas-suq intern u għall-benefiċċji tat-tkabbir li jġib miegħu.

Il-qafas attwali tat-tassazzjoni tal-enerġija[15] hu bbażat fuq l-Artikolu 113 tat-TFUE, li jipprevedi proċedura leġiżlattiva speċjali b'unanimità fil-Kunsill. Dan il-qafas mhux adattat għall-ambizzjoni tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima. Dan ma jirnexxilux jipprovdi koerenza politika bejn il-qafas tat-tassazzjoni u l-politiki u l-objettivi tal-enerġija u l-klima. Filwaqt li jirriflettu x-xejriet tat-tassazzjoni tal-Istati Membri, ibbażati l-aktar fuq il-ħtiġijiet ta' żieda fid-dħul, il-politiki tat-tassazzjoni attwali ma jirnexxilhomx jintegraw b'mod sistematiku l-impatt tal-konsum tal-fjuwil u tal-elettriku fuq il-kisba tal-objettivi tal-UE dwar l-enerġija u l-klima u tal-objettivi tas-saħħa u ambjentali. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kemm-il darba pproponiet li t-taxxa fuq il-fjuwils fossili tkun skont l-emissjonijiet tal-karbonju assoċjati mal-użu tagħhom. L-Istati Membri ma setgħux jaqblu b'mod unanimu fuq it-termini ta' dawn il-proposti. Anki l-appell riċenti ta' xi Stati Membri biex jintużaw aġġustamenti tat-taxxa fuq il-karbonju mal-fruntieri jkun jeħtieġ l-unanimità.

2.3 L-i*status quo* u l-futur tat-tassazzjoni tal-enerġija

Il-qafas Ewropew attwali għat-tassazzjoni tal-enerġija baqa' ma nbidilx sa mill-2003, u issa għadda żmienu. Dan ftit li xejn jikseb riżultati fejn jidħlu ċerti objettivi ewlenin bħad-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija u t-trasportaturi tal-enerġija jew it-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-produzzjoni u l-konsum, għax it-taxxi mhumiex ibbażati fuq il-kontenut tal-enerġija iżda fuq il-volum/piż tal-prodotti tal-enerġija kkunsmati.

In-nuqqas ta' żieda fir-rati minimi għal aktar minn għaxar snin fil-livell tal-UE qered is-sinjal tal-prezz ikkawżat mit-taxxa li suppost iħeġġeġ l-investiment f'teknoloġija u mġiba li huma effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Barra minn hekk, minn dak iż-żmien 'l hawn, xi Stati Membri żiedu l-livell nazzjonali tagħhom tat-tassazzjoni filwaqt li oħrajn le, u għalhekk hemm ir-riskju li tiżdied id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-Suq Uniku u li tiddgħajjef il-bażi tat-taxxa f'pajjiżi b'rata għolja ta' tassazzjoni, b'mod partikolari għall-fjuwils tal-karozzi li jistgħu jinġarru faċilment u legalment bejn il-fruntieri. Minkejja l-appelli ripetuti għal bidla fit-

[14] It-taxxi totali jirrappreżentaw 40 % tal-prezz finali tal-elettriku għall-unitajiet domestiċi skont ir-Rapport dwar il-Prezzijiet u l-Ispejjeż tal-Enerġija – COM(2019) 1 tad-9 ta' Jannar 2019.

[15] Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku.

tassazzjoni, il-persentaġġ ġenerali tad-dħul mit-taxxa minn taxxi ambjentali fl-UE baqa' relattivament l-istess tul l-aħħar għaxar snin[16].

Barra minn hekk, il-preżenza ta' eżenzjonijiet jew tnaqqisiet tat-taxxa fuq l-enerġija speċifiċi għas-setturi, b'mod partikolari fis-settur agrikolu/tas-sajd, tal-avjazzjoni, u tat-trasport bil-baħar u bit-triq u għall-industriji li jużaw ħafna enerġija, b'mod ġenerali ddgħajjef sostanzjalment l-inċentivi għall-investiment fi stokk kapitali u proċessi tal-produzzjoni aktar effiċjenti fl-enerġija f'dawn is-setturi. Dawn l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqisiet tat-taxxa joħolqu piż fuq setturi oħra u/jew unitajiet domestiċi privati li jkollhom jagħmlu tajjeb għan-nuqqasijiet fid-dħul li dawk jikkawżaw. Minbarra dan, dawn jistgħu jfixklu l-kompetizzjoni fost is-setturi ekonomiċi, u jistgħu jippromwovu mezzi tat-trasport ineffiċjenti u li jniġġsu[17].

It-tassazzjoni tal-fjuwils skont il-volum u mhux skont il-kontenut tal-enerġija tagħhom tiddiskrimina kontra l-fjuwils rinnovabbli favur il-fjuwils konvenzjonali, b'mod partikolari d-diżil, u b'hekk tikkontradixxi kwalunkwe politika tal-enerġija li jkollha l-għan tibdel il-fjuwil u l-promozzjoni ta' sorsi rinnovabbli u ta' sorsi oħra ta' enerġija nadifa. Din ma tgħinx lanqas fir-riekwilibriju tal-provvista u d-domanda tad-diżil fis-suq Ewropew tal-fjuwil.

Fl-2011, il-Kummissjoni ppreżentat proposta biex temenda d-Direttiva 2003/96/KE li tirristruttura l-qafas Komunitarju għat-tassazzjoni tal-enerġija[18] u din kienet tipproponi l-introduzzjoni ta' komponent tas-CO_2 fil-qafas tat-taxxa tal-enerġija tal-UE. It-tassazzjoni abbażi tas-CO_2 kellha tiġi applikata għas-setturi li ma tkoprix is-Sistema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet, u b'hekk tkun tapplika sinjal koerenti tal-prezzijiet tal-karbonju mal-ekonomija kollha tal-UE. Barra minn hekk, kien ġie propost li t-tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija tkun ibbażata fuq il-kontenut enerġetiku tagħhom, u li tiġi ssimplifikata s-sistema tat-tnaqqis u l-eżenzjonijiet tat-taxxa. Madankollu, kien impossibbli li tinkiseb l-unanimità meħtieġa fost l-Istati Membri dwar l-elementi ewlenin tal-proposta, u b'mod partikolari dwar l-introduzzjoni ta' komponent tat-taxxa bbażat fuq is-CO_2. Għalhekk, fl-2015, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirtira l-proposta tagħha. Minħabba f'hekk, il-qafas skadut tal-2003 baqa' fis-seħħ sal-lum.

Bħalissa l-Kummissjoni qed tevalwa d-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija, fid-dawl tar-reviżjoni potenzjali tagħha. L-evalwazzjoni se tqis l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet differenti, l-effettività tagħha, iċ-ċarezza tagħha, kemm irnexxielha tilħaq l-objettivi tagħha, u tidentifika xi nuqqasijiet possibbli. Se jħares ukoll lejn il-koerenza tagħha ma' politiki (eż. l-enerġija, l-ambjent, il-kompetizzjoni u t-trasport), inizjattivi jew miżuri oħra tal-UE.

Ir-reġim futur tat-tassazzjoni fuq l-enerġija jeħtieġ ikun jikkumplimenta u jsaħħaħ il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-enerġija, kif ukoll il-qafas (finanzjarju/teknoloġiku/soċjali) ta' abilitazzjoni, kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll fil-livell tal-UE. F'din il-perspettiva, il-Kummissjoni jidhrilha li t-tliet aspetti li ġejjin huma kruċjalment importanti.

[16] Sors: Il-Eurostat – It-taxxi ambjentali fl-UE: tqabbil tal-pajjiżi, https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/-/DDN-20190212-1.

[17] Madankollu, uħud minn dawn is-setturi huma soġġetti għall-ETS, jiġifieri għal sinjal tal-prezz tal-karbonju, partikolarment l-industrija li tuża l-enerġija b'mod intensiv u t-titjiriet intra-UE.

[18] COM(2011) 169 final tat-13 ta' April 2011 – Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/96/KE li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku.

It-tassazzjoni fuq l-enerġija jenħtieġ tappoġġja t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa

It-taxxi fuq l-enerġija jenħtieġ jitfasslu b'tali mod li jkunu jipprovdu partikolarment għal inċentivi xierqa biex maż-żmien jonqsu l-emissjonijiet u titjieb l-effiċjenza tar-riżorsi, inkluż permezz ta' rati tat-taxxa konsistenti mil-lat ambjentali fost diversi trasportaturi u fjuwils tal-enerġija. Dawn jistgħu wkoll jixprunaw ċerta mġiba b'mod li din tkun tissodisfa ħtiġijiet usa' tas-soċjetà u objettivi relatati mat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u mat-tibdil fil-klima.

Filwaqt li jinċentiva l-użu ta' sorsi ta' enerġija nadifa, ir-reġim tat-tassazzjoni jenħtieġ jirrifletti aħjar ukoll il-kostijiet esterni kollha tal-prodotti u s-servizzi, b'mod partikolari permezz ta' applikazzjoni konsistenti tal-prinċipju "min iniġġes iħallas". Dan l-objettiv għadu ma ntlaħaqx. B'mod partikolari, ir-rapport tal-2018 dwar il-prezzijiet u l-kostijiet tal-enerġija[19] wera li s-sussidji għall-fjuwils fossili, b'mod partikolari fil-forma ta' tnaqqis jew eżenzjonijiet tat-taxxa, għadhom fis-seħħ, minkejja l-objettiv stabbilit fl-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija li jitneħħew is-sussidji li huma ta' ħsara għall-ambjent. Mod wieħed kif jiġi indirizzat dan l-objettiv jista' jkun l-użu ta' taxxa fuq il-karbonju, li tista' tibdel l-istrutturi tal-konsum u tal-produzzjoni u tagħmilhom inqas intensivi fil-karbonju u fl-enerġija, u b'hekk twassal għal tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għal iffrankar ġenerali fl-enerġija. Din tinċentiva wkoll l-investimenti fit-titjib tal-effiċjenza u teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Għaldaqstant, it-tassazzjoni fuq l-enerġija tkun tirrifletti kemm il-kontribut għal tkabbir sostenibbli u l-iżviluppi potenzjali f'teknoloġiji nodfa, kif ukoll id-danni esterni ta' kull fjuwil u l-użi tiegħu. F'dan ir-rigward, it-taxxi fuq l-enerġija se jintużaw biex jippermettu sitwazzjoni tas-suq fejn l-inqas soluzzjonijiet intaxxati jkunu dawk li jnaqqsu wkoll l-impronta ekoloġika u t-tniġġis. Kwistjoni ewlenija hi li tkun żgurata l-koerenza tal-qafas attwali kemm għat-trasport kif ukoll għall-fjuwils tat-tisħin.

Jenħtieġ li t-tassazzjoni fuq l-enerġija tkun tikkontribwixxi għal tkabbir sostenibbli u soċjalment ġust

Flimkien ma' strumenti ta' politika oħrajn ibbażati fuq is-suq (bħal tariffi, imposti jew kwoti tal-emissjonijiet), it-tassazzjoni tista' tintuża biex jiġu indirizzati sfidi ambjentali speċifiċi, filwaqt li fl-istess ħin jiġu promossi l-investiment, it-tkabbir u l-impjiegi. L-istudji ekonomiċi juru li ċerti tipi ta' taxxi – bħal dawk fuq ix-xogħol u fuq id-dħul – huma aktar distortivi, filwaqt li oħrajn bħat-taxxi tal-konsum u ambjentali jiffavorixxuh aktar it-tkabbir.

It-taxxi fuq l-enerġija u strumenti oħrajn ibbażati fuq is-suq jenħtieġ ikunu konformi mal-ħtiġijiet tal-investiment li jħejju għall-ġejjieni, pereżempju billi jiffaċilitaw l-użu ta' teknoloġiji ewlenin li jikkontribwixxu għal tkabbir b'livell baxx tal-karbonju u li se jkunu fuq quddiem fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.

It-tassazzjoni fuq l-enerġija tħalli impatt ukoll fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq uniku tal-enerġija. Daż-żmien, is-swieq tal-enerġija, bħall-elettriku, il-gass u ż-żejt, fil-biċċa l-kbira huma integrati fil-livell tal-UE u l-enerġija tgħaddi b'mod ħieles madwar l-Istati Membri. Fost l-oħrajn, dan hu rifless mill-fatt li gradwalment il-prezzijiet nazzjonali qed jikkonverġu.

[19] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52019DC0001&from=EN

Ngħidu aħna tul l-aħħar għaxar snin, il-prezz tal-elettriku sar 21 % inqas mifrux[20]. It-tlestija tas-suq intern tal-enerġija tal-UE kienet teħtieġ leġiżlazzjoni soda biex jitneħħew bosta ostakli u xkiel tal-kummerċ. Il-qafas regolatorju tal-UE ppermetta progressivament li jinkiseb is-Suq Uniku. B'kuntrast ma' dan, il-politika tat-tassazzjoni fuq l-enerġija ma evolvietx bl-istess pass biex tippromwovi integrazzjoni aħjar u ulterjuri tas-suq intern tal-enerġija. Fi kliem ieħor, il-prezzijiet tal-elettriku, tal-gass u tal-fjuwil tal-karozzi għadhom affettwati b'mod sinifikanti mill-ispejjeż tal-appoġġ tal-politika u l-istrumenti tat-taxxa stabbiliti fil-livell nazzjonali u fi gradi differenti madwar l-Istati Membri.

Jenħtieġ li r-reġim tat-tassazzjoni fuq l-enerġija jkun jimminimizza wkoll id-distorsjonijiet li jirriżultaw minn rati differenti tat-taxxa fuq fjuwils kompetittivi. Jenħtieġ ikun hemm trattament ugwali tas-sorsi kollha tal-enerġija, filwaqt li jitqies il-kontribut ta' kull sors biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali tal-Unjoni tal-Enerġija. Pereżempju, jenħtieġ tipprova tinstab konsistenza fost is-sorsi tal-enerġija bejn l-utenti biex ikun żgurat li s-sistema tat-taxxa ma tkunx tiffavorixxi bla bżonn lil soluzzjonijiet ibbażati fuq il-fossili għall-konsumaturi (pereżempju li jitħeġġeġ l-użu tal-faħam fis-sistemi tat-tisħin, li ħafna drabi hu l-inqas fjuwil għat-tisħin, intaxxat, iżda jaħbat ukoll l-aktar wieħed li jniġġes).

Jenħtieġ li r-riforma tat-taxxa fuq l-enerġija tkun tirrifletti kunsiderazzjonijiet dwar l-ekwità soċjali

Jekk ma jiġix ikkunsidrat l-impatt soċjali tas-sistema tat-taxxa, il-politika tat-tassazzjoni fuq l-enerġija tista' taffettwa ħażin il-kapaċità tal-akkwist ta' konsumaturi vulnerabbli ekonomikament. Filwaqt li ż-żidiet fit-taxxi għall-fjuwils fossili fis-settur tat-trasport jew tat-tisħin huma inċentivi qawwija għal bidla fl-imġiba, fi żmien qasir, il-konsumaturi jaf ma jkunux kapaċi mill-ewwel ibiddlu x-xejriet tal-konsum tagħhom meta dan ikun jinvolvi sehem importanti tad-dħul tagħhom.

Għalhekk hemm bżonn li jitfasslu miżuri ta' akkumpanjament bir-reqqa biex ikun żgurat li l-bidliet fit-taxxa b'konformità mal-objettivi tal-politika dwar l-enerġija u l-klima jkunu wkoll aċċettabbli soċjalment għaċ-ċittadini kollha. Dawn il-kwistjonijiet soċjali se jkun jeħtieġ jiġu indirizzati permezz tal-politika soċjali u s-sistemi tal-protezzjoni soċjali, li l-finanzjament tagħhom jeħtieġ jibbenefika b'mod effettiv minn bidliet fit-taxxa u mir-riċiklaġġ tad-dħul. Dan jista' jsir mhux biss b'appoġġ lill-konsumaturi vulnerabbli permezz tal-politiki soċjali, iżda anki billi d-dħul mit-tassazzjoni tal-enerġija u ambjentali jintuża favur it-tranżizzjoni tas-setturi ekonomiċi u/jew tar-reġjuni lejn il-prestazzjoni ambjentali u billi jitħalla jsir tnaqqis tat-tassazzjoni fuq ix-xogħol bħala riżultat ta' żieda fid-dħul mit-taxxi ambjentali.

2.4 Il-klawżoli "passerelle" bħala għodda biex tiġi adattata l-proċedura tat-teħid tad-deċiżjonijiet

It-Trattati jipprevedu l-possibbiltà, permezz tad-dispożizzjoni ġenerali tal-Artikolu 48(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (it-TUE) u permezz ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fit-TFUE, li jiġu sfruttati l-oqsma ta' politika soġġetti għar-rekwiżit tal-unanimità u li s-sistema tal-

[20] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52019DC0001&from=EN

votazzjoni tinbidel għal dik b'maġġoranza kwalifikata. Din il-possibbiltà tissejjaħ il-klawżoli "passerelle" u toffri bidla minn unanimità għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata.

Fit-Titolu ambjentali tat-TFUE, iddaħħlet klawżola "passerelle" speċifika[21] li tagħti l-kompetenza lill-Kunsill biex jiddeċiedi li l-miżuri ambjentali ta' natura fiskali jistgħu jiġu adottati bi proċedura leġiżlattiva ordinarja permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata. Sabiex jeżerċita din il-kompetenza, il-Kunsill irid jaqbel b'mod unanimu fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni, wara li jkun ikkonsulta lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Il-klawżola "passerelle" stabbilita fit-titolu ambjentali tat-TFUE tista' tintuża għal miżuri tat-tassazzjoni fuq l-enerġija li primarjament għandhom natura ambjentali. Din tista' tiġi ġġustifikata għal miżuri tat-tassazzjoni ambjentali li jkollhom l-għan inaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 u ta' emissjonijiet oħra li jniġġsu jew l-għan li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, li huma prijoritajiet ewlenin tal-istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija tal-UE u tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija huma responsabbli għal aktar minn tliet kwarti tal-emissjonijiet tas-CO_2, u għalhekk it-taxxi ambjentali fuq l-emissjonijiet tas-CO_2 jistgħu jilħqu l-għan tagħhom biss jekk il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija jkunu koperti minn dawn il-miżuri tat-tassazzjoni. Għaldaqstant, il-miżuri tat-tassazzjoni tas-CO_2 fuq l-enerġija jenħtieġ jibbenefikaw mill-klawżola "passerelle" stabbilita fit-titolu ambjentali tat-TFUE.

L-attivazzjoni ta' din il-klawżola "passerelle" ma taffettwax direttament il-kompetenzi attwali tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni iżda temenda biss il-mod kif jiġu eżerċitati dawn il-kompetenzi. Approċċ bħal dan pjuttost jikkontribwixxi għall-isforzi li jsaħħu l-qafas istituzzjonali għat-tassazzjoni b'mod ġenerali. Barra minn hekk, l-użu tal-klawżola "passerelle" twassal biex tiġi applikata l-proċedura leġiżlattiva ordinarja, fejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill bħala l-koleġiżlaturi jkunu jirrappreżentaw b'mod ugwali firxa wiesgħa ta' interessi. Fil-fatt, il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata hi espressjoni tal-idea fundamentali ta' azzjonijiet unifikati, ibbażata fuq il-kompromess. Dan ir-raġunament hu validu għall-maġġoranza tad-deċiżjonijiet ta' politika fil-qasam tal-enerġija u l-klima, u għalhekk il-benefiċċji tal-maġġoranza kwalifikata jistgħu jiġu esplorati aktar fil-qasam tat-tassazzjoni ambjentali wkoll.

Din il-mossa tkun tifforma parti minn approċċ aktar ġenerali dwar l-użu tal-klawżoli "passerelle", kif spjegat fil-pjan direzzjonali tal-Komunikazzjoni settorjali "Lejn teħid ta' deċiżjonijiet aktar effiċjenti u demokratiċi fil-politika dwar it-taxxa tal-UE"[22]. It-tieni pass ta' dan il-pjan direzzjonali jipprovdi li t-tranżizzjoni għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja, ibbażata fuq votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill u d-drittijiet ta' kodeċiżjoni tal-Parlament Ewropew, jenħtieġ tkun tkopri miżuri li primarjament għandhom natura fiskali li jitfasslu biex jappoġġaw għanijiet ta' politika oħrajn, fosthom il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Għal dan it-tieni stadju, il-Kummissjoni stiednet lill-mexxejja tal-UE biex jiddeċiedu mingħajr dewmien.

---

[21] L-Artikolu 192(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
[22] COM(2019) 8 final tal-15.1.2019.

F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni saħqet ukoll li permezz ta' deċiżjonijiet aktar effiċjenti relatati mat-taxxa f'dan il-qasam, tkun tista' tiġi implimentata politika dwar l-enerġija li tkun aktar favur l-ambjent, pereżempju, biex tappoġġa l-għanijiet ambizzjużi tal-UE dwar it-tibdil fil-klima. Il-klawżola "passerelle" speċifika tal-Artikolu 192(2) tat-TFUE fil-qasam tal-ambjent, li tkopri b'mod partikolari dispożizzjonijiet ta' natura primarjament fiskali, toffri rotta għal tranżizzjoni mill-proċedura leġiżlattiva speċjali għal dik ordinarja għal politika tal-enerġija aktar ekoloġika. Bħala alternattiva, l-użu tal-klawżola "passerelle" ġenerali fl-Artikolu 48(7) tat-TUE jipprovdi għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għal miżuri tat-taxxa mfassla primarjament għall-għanijiet tal-enerġija.

3. Teħid ta' deċiżjonijiet skont it-Trattat Euratom

L-enerġija nukleari hi realtà fit-taħlita enerġetika Ewropea tal-lum. Nofs l-Istati Membri jużaw l-enerġija nukleari għall-ġenerazzjoni tal-enerġija tagħhom, u din tirrappreżenta 27 % tal-ġenerazzjoni tal-elettriku tal-UE.

Meta ġie ffirmat it-Trattat Euratom fl-1957, l-enerġija nukleari kienet tqieset bħala riżorsa tal-enerġija għall-iżvilupp ekonomiku tal-Ewropa. Dan it-Trattat jipprovdi setgħat supranazzjonali estensivi fil-livell Komunitarju. Madankollu, fil-prattika, l-applikazzjoni ta' dawk is-setgħat kienet selettiva u evolviet matul iż-żmien. Fil-bidu tiegħu, il-Euratom kien primarjament maħsub biex jagħti spinta lill-enerġija nukleari; illum, l-attivitajiet tiegħu għandhom x'jaqsmu mas-sikurezza, is-sigurtà tal-provvista , is-salvagwardji, l-immaniġġjar tal-iskart, il-protezzjoni mir-radjazzjoni, ir-riċerka u l-applikazzjonijiet mediċi. Il-Euratom qeda rwol importanti biex tissaħħaħ is-sikurezza nukleari fl-Istati Membri l-ġodda u fil-viċinat tal-UE. L-impatt transfruntier potenzjali tal-kwistjonijiet tas-sikurezza nukleari jeħtieġ – saħansitra fi żmienna u anki fis-snin li ġejjin – qafas legali li jmur lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri. Dan il-qafas ġie msaħħaħ bil-leġiżlazzjoni sekondarja adottata wara l-inċident ta' Fukushima. Bl-istess mod, issa li l-impjanti tal-enerġija madwar l-UE qed jeqdiemu, qed iqumu kwistjonijiet relatati mal-estensjoni tat-tul tal-ħajja, it-tneħħija gradwali fil-ħin, id-dekummissjonar, l-immaniġġjar tal-iskart u l-investimenti relatati. L-importanza ta' dawn il-kwistjonijiet se tiżdied fis-snin li ġejjin.

Hemm fehim ċar li l-użu tal-enerġija nukleari hu għażla nazzjonali li għandha ssir minn kull Stat Membru u hekk se jibqa' jsir. It-Trattat Euratom jipprovdi l-aktar qafas legali avvanzat fid-dinja fl-oqsma tas-sikurezza nukleari, l-immaniġġjar tal-iskart jew il-protezzjoni mir-radjazzjoni. Madankollu, hemm tħassib magħruf li t-Trattat Euratom jeħtieġ jevolvi paripassu ma' UE aktar magħquda, aktar b'saħħitha u demokratika. Dan it-tħassib hu rifless fid-Dikjarazzjoni li għamlu ħames Stati Membri b'rabta mat-Trattat ta' Lisbona[23], meta nnotaw li d-dispożizzjonijiet ewlenin tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ma ġewx emendati b'mod sostanzjali minn mindu dan daħal fis-seħħ u għalhekk hemm bżonn aġġornament.

[23] Id-Dikjarazzjoni 54 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li għamlu r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Irlanda, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika tal-Awstrija u r-Renju tal-Iżvezja.

Aspett ċentrali hu r-responsabbiltà demokratika tal-Euratom u b'mod partikolari l-involviment tal-Parlament Ewropew u tal-Parlamenti nazzjonali. It-Trattat ta' Lisbona estenda l-proċedura leġiżlattiva ordinarja għal kważi kull qasam tal-politika fejn qabel il-Parlament Ewropew kellu biss rwol konsultattiv. Filwaqt li l-proċedura leġiżlattiva ordinarja tapplika wkoll b'mod ġenerali għat-Trattat Euratom[24], fil-prattika d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-adozzjoni tal-atti legali ma jipprevedux dan. Il-Parlament Ewropew hu kkonsultat biss fejn jidħlu dawn id-dispożizzjonijiet. Bl-istess mod, it-Trattat ta' Lisbona introduċa rwol imsaħħaħ għall-Parlament fil-proċess għall-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, li ħafna drabi jkunu jeħtieġu l-kunsens tal-Parlament[25]. Dan mhux il-każ skont it-Trattat Euratom għax il-Parlament Ewropew ma jiġix ikkonsultat dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali. Għalhekk, jaf ikun siewi li wieħed jesplora kif jista' jissaħħaħ ir-rwol tal-Parlament Ewropew ħalli titjieb il-leġittimità demokratika tat-teħid tad-deċiżjonijiet skont il-Euratom.

Qasam addizzjonali fejn it-Trattat Euratom ma jirriflettix it-titjib mil-lat ta' trasparenza u demokratizzazzjoni li kisbu r-riformi suċċessivi tat-Trattati tal-UE hu fejn jidħol ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali. Filwaqt li l-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea hu parti mill-qafas tat-Trattat Euratom, ma hemm l-ebda ekwivalenti fit-Trattat Euratom għall-Artikolu 12 tat-Trattat dwar l-UE li jistabbilixxi r-rwol tal-Parlamenti nazzjonali. F'dan il-kuntest, jaf ikun siewi li wieħed jesplora jekk ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali skont il-qafas tal-Euratom jistax jissaħħaħ aktar.

Jenħtieġ ukoll li l-Kummissjoni tieħu inizjattivi biex iżżid l-involviment tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politika nukleari u żżid l-interess madwar l-Unjoni kollha fil-fora rilevanti. Dwar uħud mill-kwistjonijiet nukleari, id-disponibbiltà tal-informazzjoni tista' tkun naturalment limitata, speċjalment fil-qasam tas-sigurtà nukleari. Filwaqt li dan hu tħassib leġittimu, ċerti kwistjonijiet bħas-sikurezza nukleari, l-immaniġġjar tal-iskart radjuattiv u l-ippjanar ta' emerġenza jistħoqqilhom jibqgħu jiġu diskussi bl-aktar mod miftuħ possibbli skont ir-regoli eżistenti.

Dawn huma kwistjonijiet ewlenin li jħassbu liċ-ċittadini. L-ewwel pass hu l-implimentazzjoni rigoruża tal-leġiżlazzjoni maqbula dan l-aħħar. Fil-qasam tal-immaniġġjar responsabbli u sikur tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv, hu importanti ferm li l-Istati Membri jibqgħu jiżviluppaw pjanijiet komprensivi għall-immaniġġjar tal-iskart nukleari u jimplimentaw dawn il-pjanijiet. Meta jkun hemm impatt transfruntier, jenħtieġ jiġu promossi konsultazzjonijiet transfruntieri bejn l-Istati Membri kif ukoll involviment aktar b'saħħtu tal-Grupp ta' Regolaturi Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari (l-ENSREG). Jenħtieġ tissaħħaħ il-kapaċità kollettiva tal-UE u tal-Istati Membri li jirreaġixxu għall-inċidenti nukleari, b'mod partikolari biex tkun iċċarata r-responsabbiltà finanzjarja u jkun żgurat finanzjament adegwat f'dan ir-rigward.

[24] L-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom jelenka d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li japplikaw ukoll għat-Trattat Euratom. Dawn jinkludu l-Artikoli 288 sa 299 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jkopru l-atti legali tal-Unjoni u l-proċeduri għall-adozzjoni tal-atti u dispożizzjonijiet oħra.

[25] L-Artikoli 207 u 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

It-Trattat Euratom ma jipprevedix proċedura simplifikata għar-reviżjoni tiegħu fis-sens tal-Artikolu 48(7) tat-TUE. Il-klawżoli "passerelle" skont it-Trattati tal-UE mhumiex applikabbli wkoll għat-Trattat Euratom. Għaldaqstant, reviżjoni tat-Trattat biex jiġi estiż l-użu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja għall-Qafas tal-Euratom tkun teħtieġ l-użu tal-proċedura ta' reviżjoni ordinarja tat-Trattat skont l-Artikolu 48 tat-TUE.

Minħabba f'hekk, bidla fit-Trattat Euratom biex jiġi estiż l-użu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja jeħtieġ tkun parti minn proċess usa' ta' riforma tat-Trattat bl-użu tal-proċedura ta' reviżjoni ordinarja tat-Trattat skont l-Artikolu 48 tat-TUE, u jenħtieġ titqies fil-perspettiva fit-tul, ta' wara l-2025. Fix-xhur li ġejjin, il-Kummissjoni Ewropea se tistabbilixxi Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli u se jkun assenjat il-kompitu li jivvaluta u jirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-istat attwali tat-Trattat Euratom bil-ħsieb li jgħarbel kif, abbażi tat-Trattat attwali, tista' titjieb ir-responsabbiltà demokratika tiegħu.

4. Konklużjoni

Kif enfasizzat dan l-aħħar il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha "Pjaneta Nadifa għal Kulħadd", it-tranżizzjoni tal-enerġija teħtieġ trasformazzjoni ekonomika u soċjetali komprensiva, li tinvolvi s-setturi kollha tal-ekonomija u tas-soċjetà biex tinkiseb it-tranżizzjoni lejn in-newtralità u s-sostenibbiltà klimatiċi sal-2050.

Il-kisba ta' dan l-objettiv teħtieġ azzjoni deċiżiva fl-oqsma ta' politika kollha u hu essenzjali li l-UE jkollha l-għodod biex tieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa b'mod effiċjenti u demokratiku.

F'dan is-sens, tul l-aħħar għaxar snin sar progress ġmielu fejn jidħol it-twettiq tal-qafas ta' politika tal-Unjoni tal-Enerġija. Mil-lat regolatorju, dan il-progress hu marbut mill-qrib mal-użu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. L-involviment sħiħ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kellu rwol pożittiv, kemm fejn tidħol in-natura demokratika tal-proċess, kif ukoll biex jinkiseb riżultat ambizzjuż fuq ħafna fajls importanti.

Din il-Komunikazzjoni identifikat żewġ oqsma fejn it-teħid tad-deċiżjonijiet jista' jissaħħaħ aktar sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija.

Il-Kummissjoni tappella lill-mexxejja tal-UE:

– B'konformità mas-sejħa preċedenti[26], biex tittieħed deċiżjoni rapida dwar l-użu tal-klawżola "passerelle" ġenerali (l-Artikolu 48(7) tat-TUE) biex issir it-tranżizzjoni lejn il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u l-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata. Għal dan il-għan, il-Kunsill Ewropew hu mistieden jinnotifika lill-Parlamenti nazzjonali dwar l-inizjattiva tiegħu u jaħdem biex jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew. Barra minn hekk, il-klawżola "passerelle" speċifika tal-Artikolu 192(2) tat-TFUE toffri mod ovvju biex wieħed jgħaddi għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja fejn jidħlu l-kwistjonijiet tat-tassazzjoni fil-qasam ambjentali;

[26] COM(2019) 8 final tal-15 ta' Jannar 2019 – Lejn teħid ta' deċiżjonijiet aktar effiċjenti u aktar demokratiku fil-qasam tal-politika tat-taxxa tal-UE.

– Flimkien mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u partijiet konċernati oħra, biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv fir-riflessjonijiet tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli li l-Kummissjoni se titolbu jivvaluta kif l-aħjar tiżdied ir-responsabbiltà demokratika u t-trasparenza fil-qafas tat-Trattat Euratom.